**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Doyle u Claudette konjugi Abela Gauci

vs

Jurgen Briffa - Dream World

CCT 72/21/MS

18 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Mejju 2021 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat/ azjenda intimata jhallsu s-somma ta' erba mija u hamsin euro, depozitu imhallas ghal tined ghat-tieg taghhom, liema tieg ma setax isir kif pjanat minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija Covid.

Ra r-risposta tal-intimat fejn gie eccepit illi l-intimat kien diga hallas lis-supplier ghat-tined, liema supplier ma riedx jaghtih id-depozitu lura ghaliex ma kienx *refundable*, pero' accetta illi jittrasferixxa d-depozitu fuq servizz iehor u ghal data ohra; illi l-intimat kien lest li joffri soluzzjoni ohra, pero' ma sab l-ebda kooperazzjoni minghand ir-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienu qabbdu lill-intimat biex jiehu hsieb l-organizazzjoni tat-tieg taghhom li kien ha jsir fid-19 ta' Marzu 2021. Minhabba s-sitwazzjoni tal-pandemija n-numru tal-mistiednin permessi gewwa kien limitat ghal mitt ruh. Ghaldaqstant l-intimat offra li jsaqqaf it-terrazin ta' barra tas-sala bit-tined biex ikun jiflah ghall-iktar mistiednin ghall-prezz totali ta' elf u tmien mija. Ir-rikorrenti hallas depozitu ta' erba mija u hamsin euro ghal dan is-servizz, u l-intimat weghdu li ha jibghatlu ircevuta bl-email, pero' din qatt ma waslet. Ftit iktar minn gimgha qabel it-tieg, l-Awtortajiet koncernati waqqfu t-tigijiet u ghalhekk ir-rikorrent baghat messagg lill-intimat fejn talbu flushom lura. Ghalkemm il-messagg kien inqara, l-intimat ma wegibx. Rega' ghamel kuntatt u l-intimat qallu li ma kienx ha jaghtih flusu lura peress illi s-supplier ma

riedx, izda qallu li s-supplier kien offrielu gazebo ghal band jew affarijiet ohra, li ghar-rikorrent kienu bla bzonn. Ir-rikorrent ighid ukoll illi l-intimat ma baqax jaghti kazu jew jaghtih widen u esebixxa rendikont ta' kull telefonata jew messag li saru mill-mobile tieghu ghal xahar shih. Ir-rikorrent jispjega illi huma riedu t-tinda peress illi f'Marzu seta' kien bard, pero' ma kellux bzonnhom fis-sajf u ma kellux ghalfejn jidhol fi spejjes bla bzonn.

Illi min-naha l-ohra l-intimat filwaqt li jikkonferma illi hu kien ha depozitu ghat-tined li kellhom jintuzaw fil-parti ta' barra, ighid li huwa kien offrielhom illi jaghmlu kuntatt dirett mas-supplier, izda kien ir-rikorrent illi ghazel illi jhalli f'idejn l-intimat. Ighid illi hu kien hallas l-isupplier id-depozitu kollu u ta' dan ma kienx ha ircevuta u ma kien ha l-ebda commission. Meta l-Awtoritajiet kancellaw l-avvenimenti, ikkonferma wkoll illi r-rikorrent kien cempillu biex jiehu lura d-depozitu u min-naha tieghu hu kien kellem l-isupplier, li ma riedx jaghtih id-depozitu lura. L-intimat kien fehem ir-rikorrent li s-supplier kien dispost li jittrasferixxi d-depozitu fuq data ohra u fuq servizz iehor u l-intimat kien offrielu wkoll illi jikkomunika direttament mieghu, pero' r-rikorrent ma kienx interessat. Qal ukoll illi r-rikorrent kien anke ghajru fuq Facebook, u ta' dan kien mar l-Ghassa ta' Birkirkara u ghamel rapport.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qeghdin jitolbu ir-rifuzjoni ta' erba mija u hamsin euro, depozitu imhallas lill-intimat ghal kiri ta' tined ghat-tieg taghhom li kellu jsir f'Marzu 2021, liema tieg ma setax isir minhabba l-pandemija. Min-naha tieghu, l-intimat qed jargumenta illi huwa kien biss il-middleman, u d-depozitu ma zammux hu, izda kien ghadda kollox l-isupplier.

Illi tajjeb jew hazin, l-intimat accetta l-inkarigu biex jaghmilha tal-middleman, u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom ragun meta ighidu illi huma kienu jafu biss lill-intimat. Is-supplier, hu min hu, mhuwiex parti mill-kawza u lanqas ingieb bhala xhud f'dawn il-proceduri. Ghalhekk, kemm ghar-rikorrent u kif ukoll ghal dan it-Tribunal, dan ma jezistix. It-Tribunal jinnota wkoll illi ma kien hemm l-ebda kuntratt fuq dawn it-tined u l-intimat ma jistax jahbi wara klawzoli dwar non refundable deposits, li zgur ma jezistux hawnhekk. Li kieku r-rikorrent hassar it-tieg minn jeddu, kapricozament u ghal xejn b'xejn, hemmhekk forsi r-rikorrent ma kienx ikun eligibbli ghal rifuzjoni tad-depozitu u l-intimat kien ikollu ragun. Pero' fic-cirkostanzi, l-intimat m'ghandux ragun. Ma missux intrabat bl-inkarigu jekk hu ma kienx lest li jiehu r-responsabbilta' iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra illi l-pandemija kienet ilha sena ghaddejja u ghalhekk kulhadd kien jaf illi kien hemm riskju ta' kancellament. Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu illi r-rifjut tal-intimat illi jaghti lura d-depozitu, huwa forma ta' arrikament injust.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandhom ragun fit-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-intimat/ azjenda intimata ihallas/thallas is-somma ta' erba mija u hamsin Euro. Bl-ispejjes kontra l-intimat/ azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru